2 Jannar 2005

**Siltiet mid-diskors ta’ l-Agent Prim Ministru u Ministru tal-Gustizzja u l-Intern Tonio Borg waqt zjara lic-centru mwaqqaf mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili ghal gbir ta’ ghajnuna ghall-vittmi tat-tragedja ta’ l-Asja**

Illum, minkejja li huwa t-tieni jum ta’ sena gdida mhux qeghdin hawn biex niccelebraw, izda biex nuru s-solidarjeta taghna ma’ eluf u eluf ta’ nies li kienu vittmi tat-terremot ta’ taht il-bahar li wassal ghal mewg ggantesk li kines il-kosti u li ghamel herba fi hdax il-pajjiz tax-Xlokk ta’ l-Asja u li halla eluf kar ta’ nies mejta, proprju gimgha ilu. Illum qeghdin hawn biex nuru s-solidarjeta ma’ min qed ibati f’din it-tragedja umana li ftit rajna bhala fl-istorja moderna u li halliet regjuni shah mfarrka quddiem il-qilla tan-natura.

Sorsi ufficjali tan-Nazzjonijiet Uniti qed ibassru li mill-indikazzjonijiet kollha, jidher li l-ammont ta’ vittmi tat-tragedja ser jaqbez sew l-150,000. Dan minbarra l-eluf kbar ta’ mwiet li mistenni li jkun hemm kawza ta’ konsegwenzi diretti tat-terremot. L-ghafsa ta’ qalb hija li nofs il-vittmi huma tfal, tfal li illum suppost kienu qed jifirhu f’bidu ta’ sena gdida. Tul l-ahhar granet tkexkixna naraw filmati ta’ tfal jingarru mill-halel ta’ l-ilma u tbikkimna naraw l-ucuh ta’ genituri qalbhom maqsuma jerfghu lill-katavri ta’ uliedhom.

Minbarra l-periklu imminenti ta' epidemiji fost il-mijiet ta' eluf li sfaw bla dar, hemm ukoll l-emergenza ta’ mijiet ta’ tfal li sfaw orfni f'din it-traġedja, b'ħafna ,innhom jiggerrew fit-toroq minghajr ikel u kura. Il-UNICEF, l-organizazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal fill-fatt qed tappella lill-komunita' internazzjonali biex timmobilizza ruħha u tniedi iniżjattivi biex ikunu salvati mill-faqar u l-ġuh eluf ta' tfal li sfaw orfni. Xhieda ohra ta’ l-entita tal-katastrofi huwa l-fatt li huwa mahsub li mhux inqas minn hames miljun persuna jinsabu minghajr saqaf fuq rashom.

Fortunamenet, il-bosta Maltin li ghal xi raguni kienu fiz-zoni milquta, jinsabu kollha salvi. Mhux hekk jista jinghad ghal ghexieren ta' eluf ohra li ltaqghu mal-mewt fl-isbah jiem tas-sena.

Kif kien mistennni il-komunita' internazzjonali kollha qed timmobilizza r-riżorsi kollha possibbli bl-iskop li tibgħat kull għajnuna possibbli lejn il-pajjiżi kollha milquta mit-traġedja. F'kazijiet bhal dawn tintesa kull differenza politika jew religjuza u tintwera s-solidarjeta ta' bniedem ma' iehor. Il-generozita taghna l-Maltin hija maghrufa, anki fil-Bibbja. Il-Maltin urew qalb tajba ma' San Pawl u shabu li ukoll kienu salvati mill-gharqa waqt tragedja naturali. M'ghandiex dubju li anki din id-darba il-Maltin ser juru kemm ghandhom qalbhom kbira. Dak li ingabar hawn illum huwa xhieda ta' dan u fidicjuz li l-poplu Malti ser jghin hafna iktar.

Hafna organizazzjonijiet lokali diga bdew jaghmlu hilithom biex jigbru u jibghatu ghasjnuna fiz-zoni milquta. Is-Socjeta tas-Salib l-Ahmar u l-Caritas qed jitolbu u jikkordinaw ghajnuna finanzjarja. Il-grupp ta' l-iStrina ukoll ser jaghti sehmu u wieghed li d-dħul kollu li se jsir mill-irkant ta' pitturi u skulturi kif ukoll mid-donazzjonijiet li se jingħataw bit-telefon bħala parti mill-kampanja Strina 2004 illum wara nofsinhar ser jmur kollu għall-vittmi tat-traġedja. Din għandha tkun Strina ta' solidarjeta' mal-popli tal-pajjiżi kollha milquta minn dan id-diżastru naturali. Thabbar ukoll li l-għaqda umanitarja *SOS Malta* se tinbgħat tlett tobba fi Sri Lanka, filwaqt li żewġ tobba oħra impjegati mal-Ministeru tas-Saħħa se jingħataw leave ta' xahar biex imorru jaħdmu fit-Tajlandja. Anki Kunsilli Lokali tal-Birgu, flimkien mal-Parroċċa u l-patrijiet tal-Komunita' Dumnikana tal-Birgu, bhalissa qeghdin f'Couvre Porte, biex jilqghu donazzjonijiet ta' ħwejjeġ lożor, ilbies u affarijiet ta' ikel u mediċini, biex dawn jintbaghtu lill-vittmi tal-maremot li laqgħat il-gżejjer Ażjaitiċi. Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ukoll ser jigbor provisti bl-ghajnuna tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili.

Naghlaq billi nirringrazzja lil dawk kollha li diga taw is-sehem taghhom. Fosthom nista nsemmi lil Farsons, FX Garage, Euro Cargo, John Ripard Shipping, Attrans, Francis Busuttil and Sons, H2O, Sea Bank Hotel, Westin Dragonara, Karkagna

Ltd u Julia Sultana Ltd. Mill-gdid nappella lil poplu Malti li, kif dejjem ghamel, anki quddiem din it-tragedja umana juri l-generozitya tieghu u jaghti milli jista. Appell iehor imur ghal industriji, u ditti kummercjali biex anki huma jaghmlu l-parti taghhom billi jaghmlu donazzjonijiet.

Din hija tragedja umana minghajr precedent li tehtieg rispons globali immedjat. Irridu naghmlu dak kollu possibbli biex nghinu lill-vittmi li helsu mill-mewt biex jergghu jibdew jghixu.